MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2003

Numru. 456/2003

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Magri)
vs
Joseph Caruana

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Joseph Caruana, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 362250(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fid-9 ta' April, 2003 u fil-granet ta' qabel din id-data, xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000) u bil-hin;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-imputat iwiegeb li kien hati ta' l-akkuza il-Qorti wissietu bil-konsegwenzi skond il-ligi ta' tali ammissjoni, tatu zmien xieraq sabiex jikkonsidra u jerga' jahsibha. Madanakollu l-imputat baqa' jinsisti illi kien hati;

Ghalhekk il-Qorti wara illi rat l-Artikoli 334, 267, 279, 280, 533 u 21 tal-Kap. 9, kif ukoll l-Artikoli 370(4), 390, 392 u 392 A tal-Kap. 9, issibu hati ta' l-akkuza.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali relattivament netta, ikkopera mal-pulizija u irregistra ammissjoni u b'hekk evita illi ssir il-kumpilazzjoni.  Il-Qorti ikkunsidrat ukoll ir-refurtiva tinsab ghand il-Pulizja u ser tinghata lid-derubat.  Ghalhekk il-Qorti ma tqisx piena karcerarja bhala idonea ghall-akkadut u wara li rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax-il xahar millum.

Il-Qorti tiddikjara li spjegat lill-hati bi kliem car bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

Il-Qorti tordna lill-hati sabiex fi zmien xahar millum ihallas l-ispejjez kollha li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dan il-kaz.

Il-Qorit a tenur tal-Artikolu 392 tal-Kap. 9 tordna illi l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza, jintbaghtu lill-Avukat Generali, ai termini tal-Artikolu 40(3) tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------